MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Numru. 756/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**KONTRA**

**ALBINO BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Albino Borg ta’ 74 sena, bin Loretu u Guzeppa nee’ Galea, mwieled nhar id- 29 ta’ Mejju 1937 Pieta’, residenti 1, Triq il- Kuncizzjoni Lija u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 394237M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- 15 ta’ April 2010 u fil- gimghat ta’ qabel gewwa l- fond 1, Triq il- Kuncizzjoni Lija;

1) gieghel annimali (qtates) isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

2) talli mmanifattura, zamm sabiex jinbiegh jew jigi ikkonesjat jew ghamel uzu xorta ohra ta’ sistema ta’ zamma tal- annimali (nassa), li ma kienitx thares dawk il- facilitajiet minimi ghat- trattament xieraq tal- annimali;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. F’April 2010 il-girien tal-imputat bdew jindunaw li l-qtates taghhom gew nieqsa u ma setghux jinstabu. Huma raw li fil-gnien tal-imputat kien hemm nassa kbira li kienet tidher minsuba, u ghalhekk hasbu li seta’ kien hu qed jaqbad il-qtates u jehles minnhom. Sar rapport f’dan is-sens lil tal-“Animal Welfare” u wara spezzjoni li saret fid-dar tieghu, giet elevata n-nassa u ttiehdu dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Mil-provi prodotti l-Qorti mhix soddisfatta li effettivament kien l-imputat il-kawza ghall-ghibien ta’ dawn il-qtates. Fl-ewwel lok, il-qtates li gew neqsin kienu tnejn, wiehed ta’ eta’ avvanzata ta’ erbatax-il sena u iehor hafna izghar. Il-Qorti taf li qtates ta’ eta’ avvanzata jmorru f’post imwarrab biex imutu, u ghalhekk ma tissorprendix ruhha li dan il-

qattus ma nstabx. It-tieni qattus li gie nieqes l-anqas kien ighix f'dar vicin tal-imputat, izda xi ftit 'il boghod minn hemm, u ghalhekk huwa inverosimili li seta' inqabad f'dik in-nassa tal-imputat. Il-Qorti taf ukoll li hafna mid-djar ta' Hal-Lija jmissu ma' xulxin, jew mil-gonna jew btiehi ta' xulxin, izda d-dar tal-imputat ma kienetx vicin bizzejjed tad-dar l-ohra minn fejn harab it-tieni qattus.

Fit-tieni lok, in-nassa li nstabet fil-proprjeta' tal-imputat ma jidherx li kienet minsuba meta' marru tal-"Animal Welfare". Dan il-punt hareg car meta gew esebiti r-ritratti mehuda fil-post. In-nassa infethitilha l-bieba taghha ghar-ritratt. Ma kienetx minsuba minn qabel. Go fiha, izda, instab ras ta' fenek u pil ta' annimal, allegat ta' qattus. Hawnhekk ukoll, ma setax isir identifikazzjoni tal-pil li nstab fin-nassa. Id-difiza sostniet li l-imputat kellu dik in-nassa biex jaqbad il-grieden, u mhux biex jaqbad il-qtates. Ghalhekk, dawn il-provi wkoll kienu inkonklussivi.

Fit-tielet lok, l-imputat innifsu ghandu qattus u xi annimali ohra. Ma jaghmel ebda sens li persuna li thobb l-annimali taghmel nassa biex taqbad il-qtates u ggieghelhom ibatu minghajr raguni. Hawn ukoll, il-Qorti tara li l-provi indizzjarji ma jitfghux htija fuq l-imputat izda jezonerawh mill-istess htija. Hu ghalhekk ukoll li l-Qorti ma tarax li l-provi setghu wasslu ghall-kundanna tal-imputat f'dan il-kaz.

L-imputazzjoni li rrisultat ippruvata, addirittura ammessa mill-imputat a tempo vergine, kienet tal-pussess tan-nassa. L-imputazzjoni l-ohra giet mal-ewwel innegata minnu, u l-provi ma wasslux lil din l-Qorti biex tbiddel fehemitha f'dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 8(2) u 16(1) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberah.
Issibu hati tat- tieni (2) akkuza u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------